

# Il-Presepju fil-Familja

*Fost il-ħafna tiżjin sabiħ tal-Milied f'kull dar nisranija għandu jispikka fuq kollox il-presepju*
*Il-presepju fil-familja joħloq atmosfera qaddisa li twassal għall-kontemplazzjoni!*

Kull personaġġ fil-presepju għandu messaġġ kbir xi jgħidilna...

L-atmosfera qaddisa ta' l-għar ta' Betlehem, bil-personaġġi prinċipali: t-tarbija **ĠESU', MARIJA U ĠUŻEPPI**, trid turina u tfakkarna fil-Misteru kbir ta' l-Inkarnazzjoni : ALLA LI SAR BNIEDEM BĦALNA U GĦALINA. Quddiem din ir-rappreżentazzjoni ta' dan il-misteru wieħed mingħajr ma jrid isib ruħu f'atteġjament ta' talb ta' radd il-ħajr lil Alla għal din l-IMĦABBA KBIRA li wriena f'din il-ġrajja kbira!

Fil-presepju nilmħu wkoll ir-**RGĦAJJA TA' BETLEHEM** li fis-sempliċita' tagħhom juruna l-FERĦli ħakimhom għall-bxara t-tajba li ħabbrulhom l-Anġli u jwassluna biex magħhom immorru NADURAW lit-tarbija divina!

Nilmħu wkoll il-**MAĠI** li minkejja li ġejjin mill-bogħod huma kuntenti li SABU LIL DAK LI KIENU QIEGĦDIN IFITTXU! u offrewlu rigali prezzjużi ta' deheb, inċens u mirra.

Qrib l-għar għandek tara wkoll **L-GĦAĠEB**... dan il-bniedem inħakem mill-kobor ta' dan il-misteru u quddiem dik ix-xena smewwija baqa mibluh… bla kliem! Kemm għandu x'jgħallimna dan il-persunaġġ kurjuż!

Fl-aħħar forsi tilmaħ ukoll lil **ERODI**. Dan biss sewwed qalbu fil-Milied… Għax f'qalbu ma kellux post għall-Ġesu li twieled?

## ... INT QED TĦEJJILU POST?

*Mela meta f'dawn il-ġranet issib ruħek quddiem presepju ħallieħ jispirak biex tlissen talba lill-Mulej!*

## It-Talba tal-ġimgħa

***Mulej Ġesu' jien smajt kemm il-darba dwarek, imma kultant nistaqsi hux veru li huwa Int. Għallimni nifli l-għemejjel tiegħek fija, biex nittendi kemm int qrib tiegħi.***






It-Tielet Ħadd ta' l-Avvent tas-Sena A - Id-39 Sena (2021) 16 ta' Diċembru 2007



# Ilqgħu l-Bxara t-Tajba

## Mill-Vanġelu ta' San Mattew. Mt. 11, 2-11.

Ġwanni l-Battista sema' bl-għemejjel tal-Messija, u bagħat għandu tnejn mid-dixxipli tiegħu u qallu: 'Inti huwa dak li għandu jiġi jew nistennew lil ħaddieħor?' Ġesu' wieġeb u qalilhom: "Morru agħtu lil Ġwanni l-aħbar ta' dak li smajtu u rajtu: il-għomja jaraw, iz-zopop jimxu, l-imġiddmin ifiqu, it-torox jisimgħu, il-mejtin iqumu u l-Bxara Tajba titħabbar lill-fqar. Ħleni hu min ma jitfixkilx minħabba fija!"

**RIFLESSJONI:**

- Int huwa dak li għandu jiġi? Din il-mistoqsija tgħinna biex ngħarfu lil Alla.
- Int il-veru Alla tiegħi? Jew qiegħed nistenna xi alla ieħor ?
- Alla ma jwieġibx direttament, imma jgħidlek ħares lejn l-opri tiegħu.
- Eżamina lilek innifsek u ara x'effett qed iħallu l-opri tiegħek. Qed jagħtuk paċi jew gost tal-mument ? Qed tħossok tassew maħbub jew użat?
- Qed ikollok għajnejk iktar ċari biex tara sewwa u timxi b'riġlejn sodi?
- Ħieni min isir iktar għani bi Kristu. U ħażin għalih min jitfixkel minħabba l-kelma ta' Ġesu'.